Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9181 — Engie/Prédica Prévoyance Dialogue du Crédit Agricole/Omnes Capital/Equinox VIIIA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 421/06)

1. Fit-13 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Engie S.A. ("Engie", Franza),

— Omnes Capital (Franza),

— Prédica Prévoyance Dialogue du Crédit Agricole S.A. ("Prédica", Franza), ikkontrollata minn Crédit Agricole S.A.,

— 13-il impjant fotovoltajku ("il-Mira", Franza): seba' impjanti fotovoltajċi kkontrollati minn Engie, erba' impjanti fotovoltajċi kkontrollati minn Luxolaire Verwaltungs S.a.r.l. u żewġ impjanti fotovoltajċi kkontrollati minn Equinox Invest S.à.r.l.

Engie, Omnes Capital u Prédica takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-Mira.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Engie hija kumpanija industrijali attiva matul il-katina kollha ta' valur tal-enerġija fl-oqsma tal-provvista tal-gass u tal-elettriċità, kif ukoll fis-servizzi tal-enerġija,

— Omnes Capital hija kumpanija Franċiża indipendenti għall-ġestjoni tal-assi attiva f'bosta fergħat ta' ekwità privata, b'mod partikolari fis-settur tal-enerġija rinnovabbli,

— Prédica hija sussidjarja ta' Crédit Agricole S.A. attiva fis-settur tal-assigurazzjoni,

— Il-Mira tikkonsisti fi 13-il impjant fotovoltajku attiva fil-ġenerazzjoni u l-provvista bl-ingrossa tal-elettriċità.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9181 — Engie/Prédica Prévoyance Dialogue du Crédit Agricole/Omnes Capital/Equinox VIIIA

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË